**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A10-12

4 ta'Diċembru 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/10**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tnejn 10 ta' Diċembru 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* ta' l-iStaff Amministrattiv
6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Interim Report & Financial Statements* – Jannar sa Ottubru 2012
7. Attivitajiet tal-Milied
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

8 ta' Jannar 2013

Ref Nru.Klg6/010

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/010 li saret it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Ħames membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, Vincenza Attard, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit. Attendiet għall-parti mill-laqgħa, l-*Accountant* tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

**Skużati**

l-Kunsillieri Joe Camilleri u Charles Micallef St. John.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-4 ta' Diċembru 2012.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-laqgħa Nru: Klg6/010 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif emmendati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekonda mill-Viċi-Sindku.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru: 5 – para 8.4** – Iċ-*Chairman* informa, li l-laqgħa li kellha ssir mal-Perit tal-Kunsill, dwar ix-xogħlijiet proposti mit-*Transport Malta* rigward Ix-Xatt, Gżira, kienet saret u għal din il-laqgħa kienu

attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Joe Camilleri u l-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja
Huwa kompla jgħid, li l-Perit kien ħejja pjanti (li ġew esebiti waqt il-laqgħa) li kienu jinkludu madwar tlitt metri *land reclaimation* sabiex jagħmel tajjeb għal *bus lane.*

Il-Kunsillier Joseph M Muscat ġibed l-attenzjoni li ż-żona hi perikoluża partikularment in-naħa ta' fuq lejn il-*bridge* ta' *Manoel Island*

Iċ-*Chairman* informa, li din iż-żona hi wkoll inkluża fix-xogħlijiet li kien ser isir mit-*Transport Malta*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, mal-pjanti esebiti u għalhekk dawn għandhom jintbagħtu għall-approvazzjoni lit-*Transport Malta* kif ukoll, li x-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis possibbli u b'anqas inkonvenjent għal dawk kollha li jiffrekwentaw din iż-żona.

**2.2 Paġna Nru: 6 para 8.8 –** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa dwar is-Suq (Monti) kienet ser issir il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kient waslet sa l-10 ta' Diċembru 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom,

**3.3** Inqrat ittra datata 26 ta' Novembru 2012 mibgħuta mid-ditta *Fenech & Fenech Advocates* dwar il-*contract management fee re; Tender GLC01/2010 – Resurfacing Works* – Triq Nicola Cottoner, Triq Immakulata Kunċizzjoni u Triq Samuel Taylor Coleridge.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din il-korrispondenza għandha tintbagħat għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods.

**3.4** Iċ-*Chairman* informa li *Transport Malta* kienet bagħtet l-approvazzjoni tar-*Residential Parking Scheme* f'diversi toroq tal-lokalita' permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2012 ( ara *appendix* Nru:1) liema skema ser tkun bi prova ta' tlett xhur.

Iċ-*Chairman* rringrazzja lil dawk kollha li kienu nvoluti fix-xogħlijiet ta' din l-iskema.

**3.5** Iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-laqgħa sabiex tiġi diskussa *item Nru: 6* ta' l-Agenda minħabba li kienet waslet l-*Accountant* tal-Kunsill, Johanna Caruana.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Interim Report & Financial Statements Jannar sa Ottubru 2012***

**6.1** L-*Accountant* spjegat l-*Interim Report* kif ukoll, il-pożizzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill

Wara li saru xi mistoqsijiet u ntalbu xi kjarifiki mill-membri preżenti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku kemm ma' l-*Interim Report* kif ukoll, ma' l-*Financial Statements* sopracitati.

**3.6** Iċ-*Chairman* ppreżenta korrispondenza mibgħuta minn residenti minn Triq Reggie Miller fejn dawn ta' l-aħħar, kienu qed jilmentaw dwar r-*reconstruction* ta' din it-triq. Huwa qal, li dan l-ilment kien intbagħat lit-*Transport Malta* u li x-xogħlijiet ser isiru mill-entita sopraċitata. Huwa qal ukoll li r-residenti kienu ġew infurmati.

**3.7** Ġie ppreżentat rapport mill-Perit tal-Kunsill dwar garanziji bankarji mal-MEPA wara li jitlestew xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' bini fil-lokalita'.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li fil-futur garaniziji ta' dawn il-materji jiġu spezzjonati mill-Kunsill u jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Viċi-Sindku ha l-inkarigu li jiċċertifika dawn l-spezzjonijiet

**3.8** Il-Kunsill ġie nfurmat dwar petizzjoni mibgħuta minn residenti ta' Triq Edgar Bernard li kienu qed jiffaċċjaw problema tat-traffiku ta' kuljum fil-ħinijiet ta' l-iskola f'din it-triq.

Ir-residenti kienu qed jitolbu sabiex din it-triq issir *One Way* u b'hekk jiġi evitat kull periklu għat-tfal ta' l-iskola kif ukoll, kull inkonvenjent għar-residenti.

Wara diskussjoni qasira dwar din il-proposta, l-Kunsill kkonkluda li għandha ssir laqgħa ma' s-Sur Joe Brincat, Uffiċjal mit-*Traffic Management – Transport Malta*

**3.9** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proposta li għamel il-Kunsill dwar *General Call for Proposals of the Youth in Action Programme* ma ġietx aċċettata mill-*EUPA*.

**3.10** Il-Kunsill ġie nfurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg06/10 minn Nru:450 sa Nru:476 (ara *appendix* Nru:2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget* .

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitata, ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Galea.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* ta' l-istaff Amministrattiv**

**5.1** L-A/Segretarju Eżekuttiv rrakkomanda, li l-impjegati tal-Kunsill jiġifieri, Marion Monaco, Fabian Borg u Mattia Felice għandu jingħatalhom il-*full performance bonus* ta' 6% u 3% rispettivament minħabba s-servizz eċċellenti li taw matul is-sena. minħabba nuqqas ta' *staff* partikularment meta xi uħud ikunu bis-*sick leave*.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mar-rakkomandazzjoni ta' l-A/Segretarju Eżekuttiv.

**7. Attivitajiet tal-Milied**

**7.1** Rigward is-suġġet sopracitat, il-Kunsill iddeċieda li tiġi organizzata ikla fil-5 ta' Jannar 2013 għall-membri tal-Kunsill inkluż l-i*staff* amministrattiv tal-Kunsill

L-A/Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu josserva l-linji ta' gwida skont **Memo 122/2010 – Ikliet/Riċevimenti Organizzati Mill-Kunsilli Lokali.**

Irid jiġi notat ukoll, li f'każ li jiġu mistiedna l-konjuġi/*partners* l-ispejjeż tagħhom m'għandhomx joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

**7.2. *Christmas Village***

Iċ-*Chairman* rapporta li s-Sotto Kumitat taż-żgħazagħ kien ser jorganizza *Christmas Village* fid-29 ta' Diċembru 2012 fil-Gnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira. Din l-attivita' kienet ser tikkonsisti fost affarijiet oħra, fi *stalls* ta' l-ikel Malti, grupp ta' Għannejja lebsin ta' *Father Christmas*, banda, kor u presepju ħaj.

l-Viċi-Sindku ppropona li għal din l-attivita għandu jiġi mistieden t-tfajel li għamel il-predika tal-Milied

l-A/Segretarju Eżek ġibed l-attenzjoni li din l-atttiviata' m'għandiex taqbez l-ammont ta' €3.500.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard.

## 8. Affarijiet oħra

**8.1** Il-Kunsillier Victor Rutter informa, li kellu laqgħa mas-Sur Orlando Bonnici tal-*Pheonix Sports Club* li matula kienet ġiet diskussa l-possibbilita' ta' promozzjoni ta' *handball games* f'din il-lokalita'. Huwa qal ukoll, li dan il-klabb offra li jagħti lezzjonijiet lil kull individwu ta' kull eta' b'xejn.

Il-Kunsillier Victor Rutter issuggerixxa li din l-opportunita' għandha tiġi avvżata fil-ħarġa li jmiss ta' l-impenn u mportanti wkoll, li r-residenti jiġu nfurmati li t-taħriġ isir fil-Gżira stess u li għalih jistgħu japplikaw kemm irġiel kif ukioll nisa. Dawk interessati għandhom jikkomunikaw mal-Kunsillier Victor Rutter - 99478575

Il-Kunsill qabel unanimament**.**

**8.2** Tressqu tlett kwotazzjonijiet mid-ditta *Venture Trading* għax-xiri ta' *shredder* għall-użu ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat li jinxtara l-mudel *Rexel Shredder Auto + 250* għall-ammont ta' €550.00 Vat inkluża mid-ditta sopracitata.

**8.3** Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-*gravel* li hemm fis-*central strip* tax-Xatt qed jikkaguna periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-persuni li jiffrekwentaw din iż-żona.

Għaldaqstant, hu kien qed jissuggerixxi li dan il-gravel għandu jitneħħa mill-aktar fis possibbli.

Il-Kunsill qabel unanimaemt.

## 9. Laqgħa oħra

Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra għad-diskussjoni l-laqgħa ntemmet fis-7:45 p.m. u ġiet aġġornata għat -Tnejn 7 ta’ Jannar 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: K **Klg6/10**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/10 - 10 .12.2012** **Data:** **22.11.2012 - 10.12.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr. Ed. Woods | €494.76 | €494.76 | T | | Legal Advisor Oct - Nov - Dec 2012 | 31.12.2012 | | 450 | | | 8147 |
| 2 | Melita plc | €236.79 | €236.79 | D | | Hello Service & Usage 08.11.2012 - 07.12.2012 | 08.11.2012 | 33131842 | 451 | | | 8089 |
| 3 | ARMS Ltd | €717.23 | €717.23 | D | | W&E Adm Office 25.08.12 - 05.102012 | 16.11.2012 | 16054041 | 452 | | | 8148 |
| 4 | CSD Office Trade | €39.06 | €39.06 | D | | Stationery | 22.11.2012 | 41957 | 453 | | | 8149 |
| 5 | Alfa Co Ltd | €2.75 | €2.75 | D | | Toner Eco Tax | 22.11.2012 | 89649 | 454 | | | 8150 |
| 6 | E.L.C. Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Soft Areas Maint for the month of Nov 2012 | 30.11.2012 | 009176 | 455 | | | 8151 |
| 7 | The Toolbox | €18.87 | €18.87 | D | | Maint of benches | 04.12.2012 | 11558 | 456 | | | 8152 |
| 8 | G4S Security Serv Malta Ltd | €141.60 | €141.60 | D | | Cash In Transit - November 2012 | 30.11.2012 | GS006436 | 457 | | | 8153 |
| 9 | JCA Ltd | €1,239.00 | €1,239.00 | T | | Accountancy Service - July - November 2012 | 30.11.2012 | 154 | 458 | | | 8154 |
| 10 | GO plc | €85.67 | €85.67 | D | | Calls Nov Rent Dec 2012 - 334254/341034 | 04.12.2012 | 30284290 | 459 | | | 8142 |
| 11 | GO plc | €21.11 | €21.11 | D | | Calls Nov Rent Dec 2012 - 21341616 | 04.12.2012 | 30284294 | 460 | | | 8141 |
| 12 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food for the month of December 2012 | 31.12.2012 | 44 | 461 | | | 8155 |
| 13 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Craft Lessons - December 2012 | 21.12.2012 | 38 | 462 | | | 8156 |
| 14 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - December 2012 | 31.12.2012 | 56 | 463 | | | 8157 |
| 15 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - December 2012 | 31.12.2012 | 57 | 464 | | | 8158 |
| 16 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - December 2012 | 31.12.2012 | 58 | 465 | | | 8159 |
| 17 | Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | | Bulky Refuse - November 2012 = 181 Calls | 31.12.2012 | 59 | 466 | | | 8160 |
| 18 | Squire Bookshop | €58.19 | €58.19 | D | | Stationery | 10.12.2012 | 9654 | 467 | | | 8161 |
| 19 | Miller Distributors Ltd | €149.02 | €149.02 | D | | Book for Public Library | 07.12.2012 | bks00175016 | 468 | | | 8139 |
| 20 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping-G/Cutting October 2012 | 09.11.2011 | 12/2834 | 469 | | | 8162 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,277.64** | **€18,277.64** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,277.64** | **€18,277.64** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Klg6/10

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 22.11.2012 - 10.12.2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - October 2012 | 09.11.2012 | 12/2835 | 470 | | | 8163 |
| 22 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping-G/Cutting - November 2012 | 03.12.2012 | 12/2837 | 471 | | | 8164 |
| 23 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - November 2012 | 03.12.2012 | 12_2838 | 472 | | | 8165 |
| 24 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping-G/Cutting - December 2012 | 31.12.2012 | 12_2839 | 473 | | | 8166 |
| 25 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - December 2012 | 31.12.2012 | 12_2840 | 474 | | | 8167 |
| 26 | GO PLC | €37.47 | €37.47 | D | | Tel 21322157 - Calls Nov Rent Dec 2012 | 04.12.2012 | 30284807 | 475 | | | 8140 |
| 27 | Best Wishes | €44.97 | €44.97 | D | | Stationery | 10.12.2012 | 2397758 | 476 | | | 8168 |
| 28 | Gżira Local Council | €521.83 | €521.83 | D | | Honoraria | 28.12.2012 | | | | | |
| 29 | Gżira Local Council | €3,782.75 | €3,782.75 | D | | Allowances - Bonus - Mayor-Councillors & Staff | 28.12.2012 | | | | | |
| 30 | Gżira Local Council | | | | | Dec-12 | | | | | | |
| 31 | Gżira Local Council | | | | | C.I.R. Dec 2012 | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€14,700.28** | **€14,700.28** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€18,277.64** | **€18,277.64** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€32,977.92** | **€32,977.92** | | | | | | | | | |

Sindku                Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier                Kunsillier